MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2011

Numru 942/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**LORRAINE VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lorraine Vella ta' 32 sena bint Anna nee Vella Imwielda Pieta fit-28 ta Marzu 1972 residenti 96 'Arcade Street' l/o Paola w bin-numru ta l-identita 223772(M).

Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer fil-11 ta Ottubru 2004:

1 w fix-xhur ta qabel kella fil-pussess taghha id-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’Malta meta ma kienitx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghal-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga ‘msemmijja u meta ma kienitx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’Malta li jkolla d-droga imsemmijja fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmijja giet fornuta lila ghal uzu tagha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmijja u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2 volontarjament hassret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg hadiehor mobbli jew immobli specikatament il-vettura BBK 216 mudell Maruti Zen ghad-dannu ta Autorentals Co.Ltd. liema hsara hija ta iktar minn hamsin liri maltin (Lm50) izda inqas minn hames mitt liri maltin (Lm 500) bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

3) ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta l-awtorita jew ta wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallietux jew fixklitu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b’xi mod iehor bla jedd indahlet fi dmiru billi ma hallietx lill haddiehor jaghmel dak li bil-ligi kien ordnat jew setgha jaghmel jew billi gaghabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor ikun li kien kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta dan il-Kodici jew ta Ligi ohra id-bi ksur tal-artikolu 338 (ee) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta

4) saqet il-vettura LOR 033 mudell Toyota Rav b’manjiera traskurata w perikoluza

F’kaz ta htija il-Qorti giet mitluba titratta ma l-imputata Lorraine Vella talli kisret il-kundizjoni ta sentenza moghtija mill-Magistrat Dr L Quintano LLD fit-30 ta Settembru 2004

fit-terminu operattiv taghha fejn l-imputata kienet giet misjuba hatja w liberata taht ordni ghal liberazzjoni kundizzjonata ghal perjodu ta 9 xhur - ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta Malta liema sentenza hija definittiva w ma tistghax tigi mibdula

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 11 ta’ April, 2005 (Ara fol. 90 tal-Process) u nnutat li l-imputata m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata ddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat it-Taqsimiet 4 u 6 u l-art. 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101, ir-Reg. 8 tal-GN 292/1939, l-artikoli 325(b), 338(ee), 17(b), (c), 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 15(1) u 18 tal-Kapitolu 65 u l-artikoli 11, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Lorraine Vella, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali xejn felici tal-imputata tikkundanna lill-imsemmija imputata Lorraine Vella ghall-piena komplessiva ta’ hames (5) xhur prigunerija u elf, mitejn u seba’ u sebghin Euro (Euro 1277) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputata Lorraine Vella milli jkollha jew milli tikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputata Lorraine Vella sabiex fi zmien sena millum thallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' tmien mija u tnejn u ghoxrin Euro u tmienja u erbghin centezmi ta' Euro (Euro 822.48) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti mahtura fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok CA1.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------